**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru 2001**

Citazzjoni numru 12/99

Michael Agius flimkien ma' martu Josephine Agius

-vs-

Rita Sultana u Godwin Cauchi

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li taqra:

"illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) ghall-habta tas-7.30am, l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni BBG 514 matul Tiq il-Hamrija, Xewkija, Ghawdex mid-direzzjoni ta' Xewkija lejn Sannat, meta kien involut f'incident stradali ma' vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni IBB 571 misjuqa mill-konvenuta fid-direzzjoni opposta;

illi l-esponenti sefa' gravament ferut u sofra danni ingenti fil-vettura tieghu per konsegwenza ta' dan l-incident stradali;

illi l-incident sehh principalment tort u htija ta' Godwin Cauchi, illi kellu trailer enormi double parked fuq il-karreggjata proprja li minnha kien ghaddej l-esponenti b'tali mod u manjiera illi dan kien jostakola ghal kollox l-imsemmija karreggjata kif ukoll il-vizwali ta' l-esponenti; u subordinatament tort u htija tal-konvenuta l-ohra Rita Sultana illi kienet konxja tal-fatt illi l-imsemmija karreggjata kienet imblokkata u illi ghalhekk kull min kien gej fid-direzzjoni opposta ghal taghha ried necessarjament joltrepassa xi ftit il-karreggjata taghha izda xorta wahda zammet fuq in-naha estrema tal-lemin tal-karreggjata taghha minkeja illi fuq in-naha tax-xellug taghha hija kellha wisa' u spazju bizzejjed illi setghet facilment u minghajr ebda xkiel issuq il-vettura taghha aktar lejn ix-xellug u b'hekk tevita l-incident waqt illi l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu bi speed moderat.

Illi dan kollu qieghed jikkaguna danni emergenti kif ukoll lucir cessanti lill-atturi;

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi, dawn baqghu inadempjenti;

Illi l-atturi jridu illi jigu kumpensati ta' dawn id-danni;

Jghid l-konvenuti jew min minnhom ghaliex m'ghandhiex il-Qorti:

1. tiddikjara lil Godwin Cauchi u Rita Sultana jew minn minnhom unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lucri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Tikkundannahom jew minn minnhom ihallsu dawn id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali spedita fit-23 ta' Settembru 1998, u ta' l-ittra interpellatorja tal-11 ta' Novembru 1998 kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-kumpaniji assikuratrici rispettivi, Untours Limited, u Middle Sea Insurance Company Limited prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuti jew minn minnhom u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma ingunti.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu annessa u guramentata u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Cauchi li eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija ta' l-attur innifsu, minhabba s-sewqan taskurat, eccessiv u negligenti da parti tieghu u minhabba illi huwa naqas illi josserva r-regolamenti tat-traffiku.

2. Illi b'mod specifiku r-responsabbilita' ghall-incident ghandha tigi akkollata unikament lill-attur stante illi huwa hareg mill-karreggjata tieghu wara li qala' t-trailer tal-konvenut Godwin Cuachi u fil-waqt li qabez id-double line kontinwu dahal fil-karreggjata tal-konvenut li kienet gejja mid-direzzjoni opposta.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu annessa u guramentata u l-lista tax-xhieda;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Sultana li eccepiet:

1. illi d-domandi attrici ta' l-inqas in kwantu diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-jedd u fil-fatt u dan ghaliex l-esponenti l naqset fis-sewqan taghha u wisq inqas kienet negligenti.

2. Illi ghall-kuntrarju kien l-attur li b'negligenza grassa u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku qabad u invada l-karregjata li minnha kienet ghaddejja l-eccipjenti minghajr id-debita attenzjoni u bi speed eccessiv.

3. Illi l-attur qieghed jibbaza c-citazzjoni tieghu fuq il-principju fallaci ghall-ahhar, jigifieri li l-konvenuta messha pprevediet is-sewqan abbuziv ta' l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni taghha annessa u guramentata u l-lista tax-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet pprezentati mill-atturi u l-konvenuta Rita Sultana;

Ezaminat ix-xhieda kollha kompriza dik tal-kawza citazzjoni numru 271/98 li tinsab ukoll differita ghal-lum ghas-sentenza u tirrigwarda l-istess meritu fl-ismijiet inversi senjatament "Rita Sultana -vs- Michael Agius";

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza hija intimament konnessa mal-kawza li ggib in-numru 271/98 li tittratta l-istess kollizzjoni u li ser ukoll tigi deciza llum. Il-kollizzjoni meritu l-proceduri hija dik li sehh fil-31 ta' Lulju 1998 fi Triq il-hamrija, Xewkija, Ghawdex bejn vettura numru ta' registrazzjoni BBG 514 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta Rita Sultana numru ta' registrazzjoni IBB 571 li habtu frontalment waqt li kienu misjuqa fl-istess triq f'direzzjoni opposti minn xulxin. Iz-zewg vetturi sofrew hsara konsiderevoli u z-zewg sewwiqa kellhom jigu kkurati l-isptar. Ma dana kollu l-provi prodotti huma limitati ghad-"dannum emergnes' u mhux ukoll ghal-"lucrum cessans". Bhala entita' ta' dawn id-danni l-Qorti ser tistrieh, fejn jirrikorri l-kaz, fuq id-dikjarazzjoni tal-partijiet (ara verbal folio 37) fejn qablu li d-danni fil-vetturi huma limitati ghal dawk li huma specifikati fis-survey report maghmula mid-ditti assikuratrici rispettivi. Ghal kull bon fini l-Qorti qeghdha ukoll taghmel referenza ghall-verbal

folio 34 fejn il-partijiet qablu li l-provi kollha li ngiebu fil-kawza fl-ismijiet “Rita Sultana –vs - Michael Agius”, citazzjoni numru 271/98, ghandha isservi ukoll ghall-finijiet ta’ din il-kawza.

Il-punt krucjali ghad-determinazzjoni tat-talbiet ta’ l-atturi f’din il-kawza jistrieh naturalment fuq min miz-zewg sewwieqa jew ukoll mit-terz konvenut ghandu jakkampa r-responsabbilita. L-atturi fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom (vide t-tieni, t-tielet u r-raba paragrafu, folio39) jissottomettu li r-responsabbilita principali ghall-incident ghandha tigi akkollata lis-sid tat-trailer, ossija lill-konvenut, Godwin Cuachi, stante negligenza konsistenti filli halla pparkeggjat it-trailer tieghu biswit trailer iehor b’tali mod li mblokka l-karreggjata ta’ l-attur. Jissokta jghid li “dan it-trailer kien qieghed johloq ingombru u ostakolu fuq l-istess karreggjata, u ghaldaqstant biex jipprocedi huwa kellu bil-fors imur fuq il-karreggjata l-ohra. Barra dan it-trailer kien qieghed jostakola l-vizwali ta’ min ikun ghaddej fil-karreggjata [u] per konsegwenza l-esponenti ma setax jara illi min-naha l-ohra kienet gejja vettura ohra, qabel ma kien tard wisq”. Subordinatament, l-atturi jissottomettu illi r-responsabilita’ tal-konvenuta Rita Sultana ghandha tirrizulta stante illi “ghalkemm kienet taf illi kien jezisti ngombru fuq in-naha l-ohra tat-triq, naqset illi tiehu l-prekawzjonijiet u zzomm fuq in-naha estrema tal-lemin tal-karreggjata taghha, minkejja illi fuq in-naha tax-xellug taghha hija kellha wisa’ bizzejjed li setghet facilment u minghajr ebda xkiel issuq il-vettura taghha aktar lejn ix-xellug u b’hekk tevita l-incident”.

Bhala fatt jidher li l-partijiet ko-involti mhux qeghdin jikkontestaw il-fatti li taw lok ghall-kollizzjoni li fis-simplicita’ taghha huma: li l-konvenuta Rita Sultana kienet qeghdha tittranzita fuq il-karreggjata taghha biswit il-linja medjana ta’ Triq il-Hamrija: li l-konvenut Godwin Cauchi kellu t-trailer tieghu wieqaf fil-karregjata opposta ihares lejn ix-Xewkija b’tali mod li kwazi ha l-ispazju kollu tal-karreggjata; li l-attur li kien qieghed jittransita din il-karreggjata kellu triqtu ostakolata minn dan it-trailer b’daqstant li kellu jimmanuvra fuq il-karreggjata opposta biex ikompli fi triqtu.

Din il-Qorti hi tal-fehma li dak li ghandha tezamina huwa xejn aktar minn x’kienet il-kawza prossima ta’ l-incident, ossija jekk l-incident gara tort tan-negligenza u/jew imperizja fis-sewqan ta’ l-attur, gew ghal “culpa akwiljana” tal-konvenut Godwin Cauchi li spropozitament halla t-trailer tieghu jimblokka l-karreggjata u ostakola kemm il-passagg liberu u l-vizwali ta’ l-attur, jew ukoll tal-konvenuta Rita Sultana li ghalkemm kienet tittranzita fuq il-karreggjata taghha poggiet lilha innifsiha f’posizzjoni li ma setghetx tiehu azzjoni evasiva li kienet tevita l-kollizjoni. Fir-rigward din ta’ l-ahhar l-attur sostna li r-responsabbilita’ taghha ghandha tissusisti stante li ma ppreveditx dak li kellha tipprevedi.

Din il-Qorti wara li qieset ix-xhieda ta' l-attur (folio 19 et seq) iddeduciet mill-istess is-segwenti:

- li huwa kien induna u kien ben konsapevoli tat-trakk jingombra t-triq qabel ma wasal fejnu;

- li kien gia tard ghax-xoghol;

- li fi kliemu kif ra t-trakk baqa' miexi u peress illi ra l-karreggjata tieghu maghluqa, qala' il barra mis-sinjal tat-triq u dahal fuq il-karreggjata l-ohra. Kien proprju f'dak l-istanti li qala' t-trakk, li ra l-karozza gejja fuq il-karreggjata opposta u sar l-incident.

- Li t-triq in kwistjoni ma kinitx novita ghaliha billi kien jghaddi minnha ta' spiss;

- Li fi klemu, peress illi t-triq tilwi, ma setax jara min kien gej minn faccata jekk mhux billi johrog fuq il-karreggjata l-ohra;

- Li fi kliemu ukoll hu ma kienx qed isuq hafna izda ma kienx qed isuq bil-mod. Elabora fuq dan li ma kienx qed isuq b'xi mod barra min-normal.

Fil-fehma tal-Qorti hija sufficjenti din ix-xhieda biex tpoggi r-responsabbilita' kollha ghall-kollizjoni fuqu. Sintomatiku minnha hu l-fatt li l-attur ittenta l-manuvra li jidhol fil-karreggjata opposta minghajr ma ha l-prekawzjonijiet li c-cirkostanzi kienu jehtiegu. Il-Qorti ma ravvizat ebda sewqan anormali da parti tal-konvenuta Sultana u fic-cirkostanzi ma tikkondividiz l-argument ta' l-attur li kien proprju t-trakk il-kawza principali ta' l-incident. Anzi hija l-ferma konvinzjoni taghha li l-kawza ta' l-incident hija attribbwibbli unikament ghall-attur li naqas fis-sewqan tieghu tenut kont li kien ben konsapevoli li kien jew li seta' jinterferixxi mat-traffiku gej mid-direzzjoni oppsota. Imkien fix-xhieda tieghu ma spjega l-prekawzjonijiet li adotta qabel ma hareg fuq il-karreggjata opposta, per ezempju, jekk kienx waqaf u f'liema distanza mit-trakk, u x'ghamel biex assikura li ma kienet gejja beda vettura mid-direzzjoni opposta. Li semplicement naqqas il-velocita' tieghu ma tiskulpahx, fic-cirkostanzi, mir-responsabbiltajiet tieghu sia fit-total jew parzjalment.

Din il-Qorti ghalkemm tiddeplora l-attitudini ta' non kuranza fl-ipparkeggjar tat-trakk, hi tal-fehma li, fic-cirkostanzi, dan l-attur "per se" ma kkontribwixxiex ghall-incident. Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut Cauchi kien passibbli ghall-azzjoni kriminali minhabba kontravenzjoni li pero' tesorbita' l-kompetenza ta' din il-Qorti;

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-taliet atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur